# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum il-Gimgha, 4 ta' Novembru, 2022

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 5/2020 ISB**

**Vassallo Builders Group Limited (C 2448)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjeta **Vassallo Builders Group Limited**, intavolat fil-5 ta' Frar 2020, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

> *"...tordna illi s-soċjetà* ***Agrico Limited (C 9758)*** *terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet taħt dawk il-provvedimenti kollha li Hija jidrilha xierqa."*

U dan wara li ppremettiet:

> *Illi in forza ta' sentenza mgħotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju 2109, wara r-Rikors Ġurament Nru 51/13GM fl-ismijiet "Vassallo Builders Group Limited -vs Marsovin Limited u Kummissarju tal-Artijiet u CaterGroup Limited, preċedentement magħrufa LMB Breweries Limited, għal kull interess li jista' jkollhom", is-soċjetà rikorrenti ġiet kanonizzata kreditriċi taż-żewp soċjetajiet konvenuti Marsovin Limited (C 115) u* ***Agrico Limited (C 9758),*** *solidalment bejniethom , fis-somma ta' mitejn u erbgħin elf ħames mija ħamsa*

*u għoxrin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€240,525.33), oltre l-ispejjeż ġudizzjarji (Dok. A).*

*Illi din id-deċiżjoni 'llum tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell minħabba appell interpost mis-soċjetà konvenuta Marsovin Limited.*

*Illi s-soċjetà konvenuta l-oħra* ***Agrico Limited*** *ġiet struck off minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet fit-8 ta' Jannar 2019, kif jirriżulta konfermat mill-anness Dok. B.*

*Illi ai termini tal-artikolu 300 B tal-Kap. 386 għadhom m'għaddewx ħames snin minn meta s-soċjetà Agrico Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi bil-fatt illi s-soċjetà Agrico Limited ġiet struck off minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet, id-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti fil-konfront tagħha, kif riżultanti mill-preċitata deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju 2019, ġew serjament preġudikati.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti għalhekk għandha kull interess li s-soċjetà Agrico Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet sabiex hi tkun tista' validament tesegwixxi l-kreditu tagħha fil-konfront tal-istess Agrico Limited. Altrimenti d-drittijiet tagħha fil-konfront ta' Agrico Limited jiġu irrimedjabilment preġudikati.*

*Illi b'hekk jeżistu r-rekwiżiti kollha kontemplati fl-artikolu 300 B tal-Kap. 386 sabiex soċjetà li tkun ġiet struck off, fil-każ odjern Agrico Limited, terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet.*

*Dak kollu premess jiġi konfermat permezz tax-xhieda (i) tar-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti, (ii) tal-istralċjarju tas-soċjetà Agrico Limited, (iii) ta' dawk li kienu l-azzjonisti tas-soċjetà Agrico Limited, u (iv) tal-intimat Reġistru tas-Soċjetajiet.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 22).

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta` Frar 2020, fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-17 ta' Marzu 2020 fid-9:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-18 ta' Frar 2020 (ara tergo ta` fol 24).

Rat illi fis-6 ta' Marzu 2020, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 27), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenut Reġistratur mhux edott mill-fatti kollha huwa jirrimetti ruħu għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti,*

*Illi, fis-16 ta' Settembru 2016, l-azzjonisti tal-kumpanija Agrico Limited (C 9758) ikkonsenjaw lir-Reġistratur rizoluzzjoni meħuda għax-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tal-kumpanija,*

*Illi fis-7 ta' Diċembru 2017, l-istralċjarju bagħat għar-reġistrazzjoni d-dokumentazzjoni relevanti taħt l-Att dwar il-Kumpaniji sabiex l-isem tal-kumpaniji jiġi kanċellat minn fuq ir-Reġistru għeluq it-tlett xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' tali avviż,*

*Illi fit-18 ta' Ottubru 2018, ir-Registratur mexxa sabiex jippubblika l-avviz dwar l-istralc tal-kumpannija skond il-ligi fejn gie notifikat illi l-isem tal-kumpannija kellu jigi mhassar minn fuq ir-Registru gheluq it-tlett xhurmid-data tal-pubblikazzjoni ta' tali avviz.*

*Illi minkejja il-pubblikazzjoni u t-terminu premess mil-liġi, ir-rikorrenti bagħet inadempjenti. Għaldaqstantfid-9 ta' Jananr 2019 ġie pubblikat avviż ieħor illi b'effett mit-8 ta' Jannar 2019 l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru,*

*Illi t-talbiet ta' din il-kawża partikolari qed issir a termini tal-Artikolu 300 B, liema artikolu jispeċifika illil-Qorti trid tkun soddisfatta illi l-istralċ u t-tħassir tal-isem tal-kumpanijakien ivvizjat minn frodi jew illegalita' materjali. F'dan ir-rigward, partikolar ment jeżistix xi wieħed mill-elementi rikjesti mil-liġi ir-Reġistratur jirrimetti ruħhu għall-provi u għad-deċizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi f'dan il-każ l-esponent Reġistartur m'huwiex jikkontesta l-possibilita illi l-proċess ta' stralċ tal-kumpannija in kwistjoni jerġa jinfetaħ jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti tali rimedju fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Madanakollu dan ir-rimedju huwa wieħed ta' natura eċċezzjonali u għaldaqstant għandu jiġi akkordat għar-raġunijiet u esiġenzio ta' ġustizzja u ekwita,*

*Illi skont l-Artikolu 300B, kemm il-darba l-Qorti tilqa t-talba sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru u l-istralċ tal-kumpanija jerġa jinfetaħ allura l-esponent umilment jissolleva illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tispeċifikal-iskop u l-perjodu li għalih għandu jinfetaħ l-proċess ta' stralċ u għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kundizzjonijiet li jkunu xierqa. L-istess Artikolu 300B jipprovdi illi l-Qorti għandha tiddetermina jekk l-ordni u d-direttivi tagħha għandhomx ikunu effettivi fir-rigward ta' kulħadd jew inkella għandhomx japplikaw limitatament għal-persuni speċifiċi li jkunu ndikati fis-sentenza,*

*Bl-ispejjeż.*

Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili intavolata fil-11 ta' Diċembru 2020 (fol 37), li permezz tagħha esebixxa erba' dokumenti:

- **Dok A** – fol 38 sa fol 51, kopja legali tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza 51/2013,
- **Dok B** – fol 52 sa fol 78, kopja tar-rikors tal-Appell pprezentat fl-atti tal-istess kawza,
- **Dok C** – fol 79 sa fol 89, kopja tar-risposta ghall-Appell ta' Vassallo Builders Group Ltd, u
- **Dok D** – fol 90 sa fol 106, kopja tar-Riposta ghall-Appell tal-Awtorita' tal-Artijiet.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2021, xehdet l-**Avukat Dr Claudette Fenech** bħala rappreżentant tar-Reġistru tal-Kumpaniji, prodotta mis-soċjeta rikorrenti u ppreżentat document, Dok MBR1, (fol 108 sa fol 121).

Rat n-nota ppreżentata mis-soċjeta\` rikorrenti Vassallo Builders Group Limited fit-8 ta' Frar 2021 (fol 122) b'affidavit tal-**Avukat Aldo Vella** (Dok AV, fol 123 sa fol 124).

Rat li fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2022 xehdu **Emanuel Farrugia**, **Andrew Calascione** u **Albert Cassar**, lkoll prodotti mis-soċjeta\` rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2022, id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-patroċinati tagħhom m'għandhomx aktar provi x'jipproduċi u l-Qorti rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li s-soċjeta\` rikorrenti, in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited vs Marsovin Limited et, ġiet iddikjarata kreditriċi tas-soċjetajiet Marsovin Limited (C 115) u Agrico Limited (C 9758) solidalment bejniethom, fis-somma ta' mitejn u erbgħin elf, ħames mija, ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€240,525.33), oltre l-ispejjeż ġudizzjarji, liema deċiżjoni llum tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell minħabba appell interpost mis-soċjeta\` Marsovin Limited.

Illi, sussegwentament, is-soċjeta\` Agrico Limited ġiet *struck off* minn fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet fit-8 ta' Jannar 2019 u b'konsegwenza ta' dan is-soċjeta\` rikorrenti tikkontendi illi hija ġiet serjament preġudikata u għalhekk għandha kull interess li s-soċjeta\` Agrico Limited terġa\` titpoġġa fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet sabiex hi tkun tista\` validament tezegwixxi l-kreditu tagħha fil-konfront tal-istess Agrico Limited, għax altrimenti d-drittijiet tagħha fil-konfront ta' Agrico Limited ser jiġu irrimedjabilment preġudikati.

Illi jirrizulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jirrimarka li fiż-żmien premess mil-liġi sabiex kull min għandu interess jopponi t-tħassir tal-isem ta' kumpanija mir-reġistru, is-soċjeta\` rikorrenti baqgħet inadempjanti.

Isostni li sabiex taċċedi għat-talba rikorrenti, din il-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-istralċ u t-tħassir tal-isem tal-kumpanija kien ivvizjat minn frodi jew illegalita\` materjali u f'dan ir-rigward jgħid li ma jeżistiex xi wieħed minn dawn l-elementi. Iżda minkejja dan, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talba tas-soċjeta\` rikorrenti, minħabba li dan huwa rimedju ta' natura eċċezzjonali għandu jiġi akkordat għar-raġunijiet u esiġenzi ta' ġustizzja u ekwita\` u allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tinnota s-sentenza fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited vs Marsovin Limited et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha iddikjarat li s-soċjetajiet Marsovin Limited u Agrico Limited huma responsabbli solidament bejniethom għad-danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti u għalhekk ikkundannat liż-żewġ soċjetajiet solidament bejniethom sabiex iħallsu s-somma ta' mitejn u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€240,525,33).

Il-Qorti tinnota r-rikors tal-Appell mis-sentenza fuq ċitata intavolat solament u esklussivament mis-soċjeta` Marsovin Limited (C-115), kif ukoll ir-risposti intavolati mis-soċjeta` rikorrenti u mill-Awtorita tal-Artijiet, liema appell għadu mhux appuntat.

Fix-xhieda tagħha, **Claudette Fenech** bħala rappreżentant tal-Reġistratur tal-Kumpaniji ippreżentat id-dokumenti kollha relattivi għall-istralċ u konsegwentament tħassir mir-Reġistru tal-Kumpanija Agrico Limited C9758.

Fix-xhieda tiegħu pemezz ta' affidavit, **l-Avukat Aldo Vella,** jgħid li hu kien l-avukat difensur tas-soċjeta` rikorrenti fil-proċeduri fuq ċitati fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited vs Marsovin Limited et. Jispjega li kemm Marsovin Limited u kemm Agrico Limited jappartjenu lill-istess individwi u fil-kawża ċitati kienu patroċinati mill-istess avukati.

Jispjega li Marsovin Limited kienet appellat mill-imsemmija sentenza u, stante li ż-żewġ soċjetajiet ġew ikkundannati iħallsu s-somma fuq ċitata solidalment bejniethom, kien jistenna li anke Agrico Limited kienet ser tappella mill-istess sentenza. B'hekk meta t-terminu tal-appell kien skatta, jispjega li għamel il-verifiki tiegħu u sab li Agrico Limited ma kinitx appellat. Jispjega li għalhekk indaga dwar ir-raġunijiet għal dan u kien hemm li sar jaf li kienet ġiet *struck off* propju erba' (4) xhur qabel ma ġiet deċiża l-imsemmija kawża. Jgħid li hu kien preżenti għas-seduti kollha u dan il-fatt qatt ma nġib a konjizzjoni tal-Qorti jew tal-partijiet.

Jispjega li fil-fehma tiegħu bil-fatt li s-soċjeta` Agrico Limited ġiet *struck off*, id-drittijiet ta' Vassallo Builders Group Limited ġew serjament preġudikati u għalhekk għandha kull interess li s-soċjeta` Agrico Limited terġa` titpoġġa fuq ir-Reġistru. Jgħid ukoll li fil-fehma tiegħu r-rekwiżiti tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu kollha.

Fix-xhieda tiegħu **Emanuel Farrugia** jgħid li hu kien likwidatur tas-soċjeta Agrico Limited. Jgħid li ma jiftakarx kinitx likwidazzjoni solventi jew mhux solventi iżda jiftakar li ma kellhiex kredituri terzi. Jgħid li ma jiftakarx eżatt min kienu d-diretturi. Jgħid li lilu ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni għall-fatt li kien hemm kawża pendenti fil-konfront tal-imsemmija kumpanija. Jispjega li ħadd ma kien kiteb dwar l-imsemmija kawża u fl-accounts ma kienet tidher imkien. Jgħid li kieku ma kienx jibqa` għaddej bil-likwidazzjoni. Jgħid li kieku kien jaf jew kien jistenna ftit jew inkella kienu jsiru arraġamenti biex il-kumpanija ma jkollhiex tħallas audit fees u tax returns.

Jispjega li a fini ta' likwidazzjoni l-fatt li kien hemm kawża fil-konfront tas-soċjeta` stralcjata titqies bħala materjali u dan minħabba l-fatt li kreditur dejjem irid jitħallas

qabel l-azzjonisti. Jgħid li l-kumpanija għandha assi ta' inqas minn ħamsin elf Ewro (€50,000).

Fix-xhieda tiegħu **Andrew Calascione** jispjega li hu kien direttur tal-kumpanija Agrico Limited minn meta ġiet inkorporata sa meta ġiet *struck off*. Jgħid li hu ma kienx direttament involvut fil-likwidazzjoni għaliex hu kien jirrappreżenta lil Joseph Arrigo Limited, li kien azzjonist żgħir ħafna u l-kumpanija kienet titmexxa mill-Marsovin. Jgħid li *board meetings* ma kinux isiru u ma kienx jingħata informazzjoni. Jgħid li jista' jkun li ffirma *declaration of solvency* iżda ma jiftakarx. Meta muri l-imsemmija dikjarazzjoni, jikkonferma li hija l-firma tiegħu. Jgħid li l-kawża msemmija kien jaf biha imma ma kienx involut u qatt ma' ngħata nformazzjoni dwarha. Jispjega li hu kien iħalli f'idejn id-diretturi tal-Marsovin għax kien ikun fuq ħafna xogħol fil-Libya.

Fix-xhieda tiegħu **Albert Cassar** jispjega li ma jiftakarx li kellu involviment f'Agrico Limited u jiftakar li kienet *minority shareholder* fil-Lowenbrau Brewery u hu kien direttur fuq Lowenbrau Limited. Jgħid li hu kien jaf bil-proċeduri bejn Vassallo Builders Group u Marsovin u Agrico. Jgħid li ma jiftakarx li l-likwidatur ġie infurmat bil-proċeduri pendenti kontra Agrico. Jispjega li jekk kemm -il darba kien hemm xi djun dawn kien ser tidħol għalihom il-Marsovin għax hi l-unika soċjeta` li kellha l-assi.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha</u>, u l-Qorti għandha tagħti dawk <u>id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq</u>.*
> *(3) <u>Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.</u>*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi s-soċjeta Agrico Limited (C-9758) ġiet *struck off* meta fil-konfront tagħha kien hemm proċeduri ċivili pendenti li kienu jirrigwardaw danni li s-soċjeta` rikorrenti kienet qed titlob minn ghand is-soċjeta` Agrico Limited, flimkien ma partijiet oħra fl-istess kawża.

Fix-xhieda tiegħu Emanuel Farrugia jgħid b'mod ċar u inekwivoku li hu bħala likwidatur qatt ma ġie infurmat b'tali proċeduri u jispjega li ċertament ma kienx jasal li jikkonkludi l-likwidazzjoni kemm -il darba kien ikun jaf b'dan.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istralċ ġie konkluż mingħajr ma ttieħdu in konsiderazzjoni l-proċeduri ċivili pendenti jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar bi traskuraġni u/jew nuqqas ta' komunikazzjoni u/jew b'motivi ulterjuri. Il-Qorti tagħmilha ċara li fil-każ odjern ma jirriżultalhiex li n-nuqqas kien wieħed dovut ghal xoghol l-istralcarju.

Il-Qorti trid tfakkar illi l-likwidatur jiehu f'idejh l-amministrazzjoni tal-kumpannija sakemm il-process ta' stralc jinghalaq, u d-drittijiet u d-dmirijiet ta' likwidatur huma mhux biss ben definiti bil-ligi, imma fuq kollox huma importanti hafna ghall-ahjar andament ta' l-istralc, bil-ghan illi kumpannija tmut il-mewta naturali taghha. Filfatt, kif jispecifika l-Artiklu 295 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, "*mal-ħatra ta' stralċjarju, is-setgħat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpanija jieqfu*" u dan imur biex ifisser biss illi r-rapprezentanza, l-obbligi u d-drittijiet tal-kumpannija jkunu b'hekk u minn dak il-hin fdati f'idejn il-likwidatur, *u jkollu s-setgħa li jwettaq kull att li jwassal u li jkun anċillari għall-istralċ tal-affarijiet tas-soċjetà limitata*.

Huwa minnu illi l-ligi tpoggi oneru, mhux zghir fuq id-diretturi, kif msemmi aktar l-isfel b'referenza ghall-Artikolu 278 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, pero` mill-atti ta' dan il-process, u irid jinghad b'mod generiku, lill-Qorti ma jirrizultaliex illi hemm xi *standard practices* illi bihom il-likwidaturi iridu jwettqu xogholhom, u filwaqt illi huwa giust illi jithalla element ta' diskrezzjoni f'idejn tali professjonist fil-qadi ta' dmirijietu qua likwidatur, b'dan kollu il-Qorti tqis illi ghandu jkun hemm certu konformita' fix-xoghol baziku illi likwidatur ghandu jwettaq.

Din il-Qorti hekk specjalizzata, tiltaqa' ma' likwidaturi li jkunu ghamlu xogholhom minghajr per ezempju, ma jaghmlu ricerki mar-Registru Pubbliku sabiex jistabilixxu jekk il-kumpannija ghandhiex proprjeta' immobbli. Jkun hemm istanzi, bhal fil-kaz odjern, fejn pendenzi legali ma jirrizultawx lill-likwidatur. Drabi ohra fejn likwidatur jistrieh purament fuq dak dikjarat mid-diretturi minghajr verifiki. Mhux maghruf, per ezempju, jekk mal-bidu tal-inkarigu ta' likwidatur f'kaz ta' stralc volontarju, il-likwidatur jitlobx dikjarazzjoni bil-miktub minn ghand id-Diretturi fejn huma jiddikjaraw illi qed jghaddu l-informazzjoni <u>kollha</u> lilhom maghrufa fir-rigward tal-kumpannija appuntu lill-istess likwidatur. Veru illi hemm l-obbligu bil-ligi, izda dan iservi mhux biss biex il-likwidatur ikun aktar kopert, imma ukoll biex tiffacilta' proceduri ai termini ta' l-Artikolu 278 tal-KAP 386 f'kaz ta' nuqqas ta' ottempranza mal-ligi da parti ta' direttur.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-kawza 51/2013GM bdiet fis-sena 2013 u giet deciza fis-sena 2019. F'dan il-perjodu, u precizament f'Settembru 2016, il-kumpannija Agrico Limited tat u rregistrat mal-MBR, Notice of a *Resolution for dissolution and consequential voluntary winding up*, pprezentata mid-Diretturi tas-socjeta' Agrico Limited.

Il-Qorti tinnota illi dan sar meta d-diretturi ta' Agrico Limited kienu ghalhekk ben konxji illi kien hemm proceduri pendenti li fihom Agrico Limited kienet involuta, u nonstante dan, id-Diretturi la dehrilhom illi kellhom jgharrfu lill-Qorti li quddiemha kienet qed tinstema' l-kawza u wisq anqas jgharrfu lill-likwidatur mqabbad.

Fil-fatt, fid-deposizzjoni tal-likwidatur Emanuel Farrugia (fol 138 tal-process), meta mistoqsi:

> ***Xi hadd gablek ghall-attenzjoni tieghek il-fatt illi l-kumpannija kienet involuta f'kawza li ghadha pendenti sal-llum?***

Huwa rrisponda:

> ***Le le hadd, Hadd. ..............................***

Fid-depozizzjoni ta' Andrew Calascione, direttur tas-socjeta' stralcjata (fol 140 et seq), huwa gie mistoqsi:

> ***Int taf illi kien hemm kawza pendenti bejn Agrico u Vassallo Builders Group Limited, kont taf biha?***

Huwa rrisponda:

> ***Kont naf biha imma kontx involut qatt ma ssejjhet board meeting.***

Ukoll, fid-deposizzjoni ta' Albert Cassar, direttur iehor tas-socjeta' stralcjata (fol 143 et seq), huwa gie mistoqsi:

> ***Il-kwistjoni li allura Marsovin u anke Agrico kellhom ma' Vassallo Builders Group Ltd kien hemm kawza li bhalissa qeghda fl-Appell, kont taf biha?***

Huwa rrisponda:

> ***Yes, fuq fuq kont naf.***

Mistoqsi ulterjorment:

> ***Sa fejn taf inti, ta' Agrico gbitu l-attenzjoni tal-likwidatur Emanuel Farrugia li kien hemm din il-kwisjtoni pendenti ghad?***

Huwa rrisponda, fil-fehma tal-Qorti, b'mod evaziv,

> ***Ma nafx biha.***

Il-Qorti tqis illi dan huwa aġir deplorabbli da parti tad-diretturi ta' Agrico Limited.

Il-Qorti trid tfakkar ukoll illi ai termini tal-Artikolu 278 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, taht piena ta' penali, direttur/i ghadhom l-obbligu illi jaghtu lill-istralcarju l-informazzjoni kollha permezz ta' dikjarazzjoni sħiħa tal-qagħda finanzjarja tal-kumpanija, flimkien ma' lista tal-krudituri tal-kumpanija u l-ammont stmat tat-talbiet tagħhom. Huwa evidenti mill-atti illi d-diretturi ta' Agrico Limited dan ma ghamluhx. Il-konsegwenza ovvja kienet anke illi l-likwidatur mahtur ma setghax jassumi l-atti tal-kawza u allura wisq anqas jirrispondi ghall-appell intavolat b'potenzjali pregudizzju ghall-istess kumpannija.

F'dan is-sens u ghal dak li jirrizulta kif hawn fuq msemmi, il-Qorti ser tordna lir-Registratur intimat sabiex jara hux lok illi japplika l-provvedimenti tal-Hdax il-Skeda tal-KAP 386 fil-konfront tal-istess diretturi.

Ukoll imma, illi l-Qorti trid tiehu l-opportunita' sabiex taghmel xi suggerimenti/appelli illi jistghu jghinu fit-thaddim u andament ahjar ta' stralc volontarju, u ghalhekk:

a) Qed tissuggerixxi lill-professjonisti illi jkunu appuntati bhala likwidaturi ta' kumpannija sabiex ifittxu illi jkollhom dikjarazzjoni cara u espressa bil-miktub minn ghand id-diretturi ta' kumpannija illi huma jkunu qeghdin jillikwidaw u li permezz taghha l-istess diretturi jiddikjaraw illi huma qeghdin jaghtu l-informazzjoni <u>kollha</u> kif trid il-ligi. Ksur ta' dan l-obbligu ikun b'hekk aktar identifikabbli u l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ligi, inkluz il-parti punittiva taghha, jkunu jistghu jigu applikati b'aktar facilita' sabiex jigi dejjem evitat abbuz.

b) Qed tissuggerixxi lil kull likwidatur sabiex jara illi jaghmel il-verifiki kollha necessarji u safejn hu possibbli, inkluz verifiki ghal dak li jkun lilu gie dikjarat mid-diretturi, sabiex ma jistriehux biss fuq tali dikjarazzjonijiet, imma jkun ferm aktar ghaqli u professjonali da parti taghhom illi fil-kors tal-likwidazzjoni taghhom, huma jaghmlu ukoll il-verifiki necessarji, bhal per ezempju, permezz ta' korrispondenza mar-Registratur tal-Qorti, ricerki fir-Registru Pubbliku etc. B'hekk, likwidatur ikun qieghed jespleta l-inkarigu tieghu fis-shih u b'mod aktar integru u jkun evitat potenzjal abbuz. Fl-istess hin il-likwidatur jkun mohhu mistrieh illi xogholu jkun sar bl-ahjar hila u mod possibbli u jkunu evitati incidenzi bhal dan il-kaz odjern.

c) Qed tissuggerixxi lir-Registratur tal-Qrati u lis-CEO tal-Agenzija tal-Qrati sabiex jaraw ikunx possibbli illi fis-*search engines* tal-web-site tal-Qrati, partikolarment fejn jirrigwarda "sentenzi" u "kawzi pendenti" - ikunx possibbli illi isir tiftix fuq isem illi ma jkunx l-ewwel isem indikat ta' parti jew ohra fl-okkju. Bhal fil-kaz in ezami, fil-kawza 51/2013GM, l-isem Agrico Limited mkien ma jitla' peress illi huwa indikat bhala t-tieni konvenut u ghalhekk kwalsiasi ricerka illi stralcarju seta' ttenta jaghmel fuq il-web-site, xorta ma kinitx tirrizulta l-procedura de quo.

d) Qed tissuggerixxi lill-istakeholders kollha koncernati, sabiex jistudjaw il-possibilita' illi jinhargu, jekk mhux gja jezistu, 'mqarr' *guidelines* lill-professjonisti illi jagixxu ta' likwidaturi sabiex ix-xoghol professjonali taghhom isir b'mod aktar komplut u b'hekk l-affarijiet tal-kumpannija jkunu likwidati b'aktar precizjoni u minghajr pregudizzju ghal hadd.

F'dan is-sens u ghal dan il-ghan, il-Qorti ser tordna illi kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lill-**Kamra tal-Avukati**, lill-**Malta Institute of Accountants**, lill-**Malta Business Registry**, lill-**Malta Financial Services Authority** u lir-**Registratur tal-Qorti** u s-**CEO tal-Agenzija tal-Qorti** ghall-ahjar attenzjoni taghhom sabiex jiehdu konjizzjoni ta' dak li hawn fuq jinghad u jaraw hux kaz illi jimplimentaw mizuri illi ighinu fix-xoghol ta' stralcarju u biex dan isir minghajr illegalitajiet.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod li s-soċjeta` rikorrenti tista` tesegwixxi l-kreditu tagħha fil-konfront ta' Agrico Limited, kif deskritt fir-rikors, huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-Professur Andrew Muscat ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Minkejja dan, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tas-soċjeta` rikorrenti li kellha kull interess topponi t-tneħħija tal-isem tas-soċjeta` Agrico Limited mir-Reġistru tal-Kumpaniji u li kieku għamlet dan fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-proċedura kienet tiġi evitata.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' proċeduri pendenti fil-konfront ta' Agrico Limited (C-9758) hekk kif deskritti fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ tal-kumpannija msemmija jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja t-talbiet tas-soċjeta rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tas-soċjeta rikorrenti** u konsegwentament tordna illi:

1) L-isem **Agrico Limited (C-9758)** jerġa` jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2) Jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanniji **Agrico Limited (C-9758)** u taħtar lill-Awditur **Emanuel Farrugia** sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Agrico Limited (C-9758)** ukoll fil-kuntest ta' dak hawnekk deciz.

3) L-istralcarju sabiex, jirkurpra minn ghand is-socji tal-kumpannija kwalsiasi assi distribwiti lilhom max-xoljiment tal-kumpannija Agrico Limited, huma kemm huma, sabiex tali assi jibqghu ghand il-kumpannija Agrico Limited.

4) Tordna lir-Registratur intimat sabiex, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, jara hux lok illi jittiehdu l-provvedimenti necessarji fil-konfront tad-diretturi ta' Agrico Limited skond il-ligi u ai termini tal-Artikolu 278 u l-Has il-Skeda tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

L-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi r-Registratur intimat inkorra biex hassar isem il-kumpannija u li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata **Agrico Limited (C-9758)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jkun konkluz b'mod definittiv l-istralc, ikunu a karigu tal-istess socjeta' Agrico Limited.

Ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata mir-Registratur tal-Qorti a spejjes tieghu, lill-**Kamra tal-Avukati**, lill-**Malta Institute of Accountants**, lill-**Malta Business Registry**, lill-**Malta Financial Services Authority** u lis-**CEO tal-Agenzija tal-Qorti** ghall-ahjar attenzjoni taghhom sabiex jiehdu konjizzjoni ta' dak li hawn fuq jinghad u jaraw hux kaz illi jimplimentaw mizuri illi ighinu fix-xoghol aktar effikaci ta' likwidatur fi stralc volontarju.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey**<br>**Imħallef** | **Marisa Bugeja**<br>**Deputat Reġistratur** |